Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 211/2015

Il-Pulizja

Vs

James Abela

Illum 28 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant James Abela detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 260992M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar id-29 t'Awwissu, 2006 u matul dawn l-ahhar xhur gewwa l-Gzejjer Maltin u cioe' Pjazza San Luqa Pieta', gewwa l-Hamrun u kif ukoll gewwa San Pawl il-Bahar u bnadi ohra filGzejjer Maltin kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut firRegolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement

emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet/intuzat f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

U aktar talli matul l-istess zminijiet, hinijiet postijiet u taht l-istess cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u specifikata meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tordna l-konfiska tal-vettura Mitsubishi Lancer nru tar-registrazzjoni CAQ 962 bhala parti formanti mill-corpus delicti u dan skond l-Artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala li huwa recidiv ghat-termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie kkundannat li kkommetta diversi reati liema sentenzi saru definittivi mill-Qorti tal-Appell Kriminali kif ukoll mill-Qorti tal-Magistrati Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' April, 2015, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), u 22 (2) (b) (i) talKapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 u ir-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotta kontrih, u kkundannatu ghal piena ta' sentejn u nofs prigunerija effettiva u multa ta' elfejn Euro (€2,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' sittin Euro (€60.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din issentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din iddata. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti ordnat lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' seba' mija u tmienja u ghoxrin Euro u zewg centezmi (€728.02) – ekwivalenti ghas-somma ta' tlett mija u tnax-il Lira Maltija u erba' u hamsin centezmu (Lm312.54) - li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti ordnat li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Il-Qorti ordnat wkoll il-konfiska tal-flus ezebiti mill-Prosekuzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' James Abela, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Mejju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah u fin-nuqqas taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant James Abela huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. L-indikazzjonijiet kollha juru li d-droga li nstabet fuq la-ppellant kienet ghalih u ma kienitx ghat-traffikar. L-ewwel nett l-ammont vera zghir ta' droga. L-appelant kellu fuqu l-'ghodda' sabiex juza u jikkonsma d-droga. Kellu seringi, foil mahrug, citric acid. B'hekk dawn il-fatturi juru li l-appelalnt huwa dipendenti mid-droga u jikkonsuma d-roga. Il-fatt li d-droga kien maqsum f'bicciet zahar ma jfissirx li kien sabiex jigi mghoddija lil terzi, izda kien saibex jikkonsuma d-droga

f'okkazjonijeit differenti. Barra minn hekk donna l-Ewwel Qorti ghamlet l-accounta ghall-appelalnt, izda dawn il-kalkoli jistghu jiehdu parti mill-istampa kolha u l-fatt li jircievi €127 fix-xahar, jista' jaghmel diversi affarjiet ohra sabiex jzomm il-vizzju tieghu, bhala per ezempju jahdem minghajr ktieb, membri tal-familja jghidnuh u jista' jaghmel attivitajiet ohra illegali li mhix traffikar, izda kell ma jkunx hemm investigazzjoni serja u pprofondita, wiehed ma jistax jaqbez ghall-konkluzjonijiet.

Illi ghar-rigward it-telefonata li l-appellant ircieva fuq it-telefon meta kien l-ghassa wkoll sabiex il-proskeuzzjoni tipprova l-kaz taghha l'hinn minn kull dubju ragjonevoli, jrid ikun hemm prova posittiva li kienu qed jitlekkmu dwar id-droga u mhux fuq xi affarjiet ohra.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-piena hija eccessiva. Jekk niedu ezempji tal-pieni fil-Qorti Kriminali hemm per ezempju Repubblika ta' Malta vs Csaba Fazakas tal-21 ta' Awwissu, 2014 li inghata sentenza tal 14 il-sena prigunerija ghal 2524.5 grams, jigifieri sena prigunerija ghal kull 180 gramma. Fil-kaz odjern l-appellant kien ikollu 360 gramma kokaina biex jiggustifika s-sentenza tieghu. Fir-Repubblika ta' Malta vs Arnold Farrugia inghatat sentenza dif-9 ta' April, 2014, 22 sena ghall-6210 grammi kokaina, li jammonta ghal 282 grammi fis-sena. B'hekk jidher car li l-ammont kien fil-pussess tieghu ma jiggustifikax sentenza ta' sentejn u nofs prigunerija.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti iressaq zewg lanjanza diretti lejn id-decizjoni appellata meta jishaq illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi imressqa quddiemha u dan fir-rigward tas-sejbien ta' htija ghall-ewwel imputazzjoni dwar il-pussess aggravat tad-droga erojina. Jilmenta sussidjarjament ghal dan l-aggravvju illi l-piena ikkomminata mill-Ewwel Qorti ta' sentejn u nofs prigunerija u multa ta' €2000 hija in kwantu eccessiva tent kont tal-fatt illi l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess ta'l-appellanti kienet ta' inqas minn tlett grammi.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti mal-medda tas-snin illi il-Qorti ta'l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta'l-

istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha[1]. Huwa biss meta din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida u impellenti sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. Dan ghaliex l-aggravvju migjub 'il quddiem mill-appellanti essenzjalment idur madwar dan l-apprezzament u jekk il-fatti li ingiebu a konjizzjoni tal-Qorti kenux jaqghu fid-definizzjoni tal-pussess aggravat stabbilita fil-ligi.

Issa mill-atti probatorji irrizultaw is-segwenti fatti mhux ikkontestati:

1. Fil-pussess ta'l-appellanti instabu 2.24 grammi erojina u pillola wahda hekk imsejjha 'ecstasy'. Instabu ukoll l-parafernalja marbuta mal-abbuz tad-droga erojina fosthom siringi, foil u mgharfa li kollha kien fihom tracci ta' din id-droga.

2. L-appellanti jammetti illi huwa kien fil-fatt akkwista l-ammont ta' tlett grammi erojina ghal konsum tieghu personali u li hu kien jikkonsmaha f'erbat ijiem u cioe' allura cirka 0.75 gramma kuljum. Id-droga kienet maqsuma f'pakketti.

3. Fuq il-persuna ta'l-appellanti instabet somma flus fl-ammont ta' Lm140.80. Hu jiddikjara li ighix bl-assistenza socjali u jircevi Lm127 fix-xahar. Isostni izda li jircevi ghajnuna finanzjarja minn ghand ommu u l-mara tieghu, izda lil dawn in-nies ma iressaqhomx bhala xhieda.

4. Jigi elevat mizien elettroniku li madanakollu fuqu ma jinsabu l-ebda tracci ta'droga, u l-appellanti ma jaghti l-ebda spjegazzjoni dwar il-pussess ta'l-istess.

Issa ma hemmx dubbju illi l-Ewwel Qorti ezaminat bir-reqqa dawn ir-risultanzi processwali. Dan johorg mil-motivazzjonijiet dettaljati li taghti meta giet biex

[1] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Raymond Psaila et – 12/05/1994; Il-Pulizija vs Amadeo Brincat – 06/06/1994, Il-Pulizija vs Carmelo Schembri – 28/04/1995; Il-pulizija vs Ezzawi Mehemed 03/11/1995

tistabbilixxi ir-reita' ghall-ewwel imputazzjoni addebitata lill-appellanti. Illi rinfaccjat b'dawn il-provi li jindikaw il-pussess aggravat tad-droga, l-appellanti izda ma jirnexxielux fil-fehma ta' din il-Qorti jipprova sal-grad tal-probabbli illi dik id-droga li instabet fil-pussess tieghu kienet ghall-uzu personali tieghu. Issa jekk l-appellanti ghandu jitwemmen illi kien xtara id-droga dak in-nhar stess ftit tal-hin qabel ma gie arrestat mill-pulizija allura huwa bil-wisq inverosimili illi huwa kien ikkonsma 0.75 gramma erojina f'daqshekk qasir zmien ghaliex altrimenti kien ibati konsegwenzi ferm aktar gravi u dan meta wiehed iqies illi doza eroijna hija ta' 0.2 grammi. Ukoll wiehed jistaqsi kif l-appellanti kellu l-ammont ta' Lm140 fuqu meta allegatament huwa kien ghadu kemm xtara id-droga li ighid li kienet swietlu Lm60? Ghandu dan ifisser allura illi sabiex ihallas il-kera ta' Lm95, kif isostni li kien ser jaghmel, huwa johrog bl-ammont ta' Lm200 (ekwivalenti illum ghal madwar €440) fil-but? Illi l-appellanti jonqos milli jipprova dak li jallega u cioe' li jircevi ghajnuna finanzjarja minn ghand ommu u l-mara tieghu u kemm dawn jaghtuh flus, kif ma jressaqx provi li huwa ighix f'post bil-kera. Ma jigix esebiet il-kuntratt tal-kera sabiex jigi ikkonfermat kemm ihallas kera u meta din ghandha tithallas. Lanqas ma jipprova illi huwa jabbuza mid-droga erojina u kemm jikkonsma kuljum. Dan ghaliex ghalkemm ighid fix-xhieda tieghu illi huwa segwa programm residenzjali ghall-abbuz mid-droga gewwa San Blas, madanakollu fl-ebda hin ma jindika x'tip ta' droga kien jabbuza minnha, ma jipproduci l-ebda xhud la mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin u wisq anqas minn nies professjonali li segweh gewwa San Blas sabiex jixhdu fuq id-dipendenza tieghu mid-droga u x'tip ta' kura kellu jinghata. Illi lanqas ma jaghti spjegazzjoni dwar il-messagg li huwa jircevi meta kien arrestat minn fuq in-numru 99000155 fejn il-persuna titolbu sabiex "niltaqghu bhas-soltu u gibli pakkett". Ighid li dan in-numru ma jafux meta mir-rapport esebiet mill-espert Dr. Stephen Farrugia Sacco li ghamel estrazzjoni tad-data li kien hemm fuq it-telefowns cellulari elevati mill-pussess tieghu, jirrizulta illi fil-granet precedenti l-arrest tieghu kien sar kuntatt ma' dan in-numru ghall-iktar minn darba. Kwindi rinfaccjata b'dawn in-nuqqasijiet fil-provi imressqa mid-difiza biex jattakkaw dawk imressqa mill-prosekuzzjoni l-Ewwel Qorti legalment u ragjonevolment allura setghet tasal ghal konkluzjoni illi l-ammont ta' droga erojina li instabet fil-pussess ta'l-appellanti

ma setatx kienet ghall-uzu personali tieghu. Illi huwa dan li kien jenhtigielha tipprova il-Prosekuzzjoni minghajr ebda bzonn li tressaq xi prova dwar xi intenzjoni ta' spacc u kwindi fil-fehma anke ta' din il-Qorti din il-prova l-Prosekuzzjoni irnexxielha tilhaqha.

Fuq kollox aktar mill-kwantita jew ammont ta' droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma ic-cirksotanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista' issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-ammont, kwalita jew kwantita ta' droga involuta. Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat. Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illict Traffic in Narcotic Drugs jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:

"Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article **<u>may be inferred from objective factual circumstances</u>**."

Illi allura l-Ewwel Qorti sewwa ghamlet meta minn ezami tac-cirkostanzi tal-kaz setghet fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi tinferixxi illi d-droga li instabet fil-pussess ta'l-appellanti kienet tali li tindika li din ma kenitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu. Ghaldaqstant l-ewwel aggravvju qed jigi michud.

Jifdal biex jigi ikkunsidrat l-aggravvju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti u cioe' dik ta' sentejn u nofs prigunerija u multa ta' €2000. Illi l-appellanti jilmenta illi din il-piena hija wahda eccessiva meta imqabbla mal-pieni erogati mill-qrati taghna ghal pussess ta' ammonti hafna akbar ta' droga. Illi mill-konsiderazzjonijiet maghmul mill-Ewwel Qorti jidher illi l-ewwel u qabel kollox giet mehuda in konsiderazzjoni il-fedina penali ta'l-appellanti li hija wahda piuttost ikkulurita bl-ahhar reat li ghalih gie ikkundannat l-appellanti jirrisali ghas-sena 2012. Illi minn dak iz-zmien, kif jixhed l-appellanti, jirrizulta illi huwa segwa programm

residenzjali ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju ta'droga. Imbaghad fil-mori ta' dan l-appell minn dokument mahrug minn Caritas Malta esebiet a fol-173 tal-process jidher illi fil-mori ta' dan l-appell l-appellanti temm dan il-programm b'success u anke sab impjieg. Stabbilixxa ukoll mill-gdid kuntatt mal-familja tieghu. Dokument iehor mahrug mill-Caritas datat 26 ta' April 2016 jindika illi l-appellanti li kien fil-fazi tal-hekk imsejjah *re-entry* kien ghadu qed jattendi is-sezzjonijiet b'mod regolari u ma regax abbuza mid-droga. Imbaghad fil-15 ta' Settembru 2016 xehdet quddiem din il-Qorti Jean Cali', rapprezentant tal-Caritas, li ikkonfermat li l-appellanti issa temm il-programm kompletament b'success u tbieghed mill-vizzju tad-droga. Il-Qorti ukoll ma tistax tinjora il-fatt illi dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2006. Di piu' minn dak iz-zmien, bl-introduzzjoni tal-Att Dwar id-Dipendenza fuq id-Droga fil-15 ta' April 2015, l-ammont ta' inqas minn zewg grammi droga, dejjem meta din ma tinstabx f'cirkostanzi li jindikaw il-pussess aggravat, hija prosegwibbli quddiem il-Kummissarju ghall-Gustizzja u mhux quddiem il-Qorti. F'dan il-kaz l-appellanti instab fil-pussess ta' 2.24 grammi u pillola wahda ta'l-ecstasy, ghalkemm il-pussess tieghu kien wiehed aggravvat. Dan qed jinghad mhux biex inaqqas mill-gravita tal-kaz jew inkella bi kritika lejn id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti meta giet biex tikkomina l-piena, izda ghaliex illum jezistu cirkostanzi fejn din il-Qorti tqies illi l-piena ta' sentejn u nofs prigunerija meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi kollha hija wahda eccessiva u ghalhekk hemm lok illi jkun hemm temperament fl-istess. Ukoll ghalkemm f'dan il-kaz ma jistax ikun hemm appliakzzjoni ta'l-artikolu 29 fil-konfront tal-appellanti, madanakollu ma jistax jigi injorat il-fatt illi fil-kors tax-xhieda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti l-appellanti indika il-persuna li kienet tipprovdielu d-droga tant illi l-Ewwel Qorti kienet ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga dan il-fatt. Ma jidhirx izda illi dan wassal ghal prosekuzzjoni ta' din il-persuna billi kif jixhed is-Supretendent Dennis Theuma quddiem din il-Qorti, din il-persuna nel frattemp lahhqet mietet. Madanakollu l-Qorti xoratwahda ma tistax tinjora dan il-fatt ghalkemm kif inghad ma tistax tapplika d-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 29 fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad l-ewwel aggravvju, izda tilqa' it-tieni wiehed b'dan ghalhekk illi qed tirriforma is-sentenza appellata billi tikkofnermaha fejn din sabet htija ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellanti, izda tirriforma l-piena inflitta u minflok tikkundannah ghal piena ta' ghaxar xhur prigunerija u multa ta' €800.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur